# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 16**

**Rikors numru 15/22/1 JVC**

**Peter sive Pierre Falzon**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-intimati minn miżura proviżorja li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Marzu, 2022 u li biha ordnat illi:

> *"l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Peter sive Pierre Falzon" jigu sospizi fil-mument li dawn jaslu fl-istadju li l-imputat ikun mehtieg jaghlaq il-provi tieghu u qabel ma jaghlaq l-istess u li dik il-Qorti tissoprasjedi pendenti determinazzjoni finali tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna.*
>
> *Tordna wkoll li r-rikorrent iressaq il-provi kollha tieghu f'dawn l-atti f'massimu ta' tliet seduti li jmiss quddiem din il-Qorti u f'kaz li l-Qorti tara li r-rikorrent qed jittenta b'xi mod itawwal dawn il-proceduri, l-Qorti*

*tirriserva li tvarja l-ordni provvizzorju moghti llum nkluz billi tirrevokah kompletament.*

*Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex din l-ordni provvizorja tkun tista tigi komunikata lill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello."*

**Preliminari**

2. Il-fatti li wasslu għall-appell huma s-segwenti:

2.1. Fit-12 ta' Jannar, 2022, l-appellat fetaħ kawża u qal li fl-20 ta' Diċembru, 2012, kien akkużat *inter alia* b'approprjazzjoni indebita fil-konfront ta' diversi persuni, f'ammont ta' iktar minn €2,329.37.[1] Qal li fit-13 ta' Frar, 2014, il-Qorti tal-Maġistrati qalet li hemm biżżejjed raġunijiet sabiex jinħareġ att ta' akkuża kontrih, u fit-28 ta' Lulju, 2016, ingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Minn hemm bdiet il-fażi tal-provi tad-difiża. Qal li fil-frattemp huwa kien għaddej minn proċeduri kriminali separati li llum huma *res judicata*. Jilmenta illi fil-mori tal-investigazzjoni, fl-istadju tal-*pre-trial* u matul il-proċeduri kontrih, la huwa u lanqas l-avukati tiegħu ma kellhom aċċess għad-dokumentazzjoni kollha li kellha l-Pulizija fil-konfront tiegħu, dritt illum mogħti bl-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali u b'mod aktar ampju mid-Direttiva 2012/13/UE. Skontu għalhekk, huwa kellu nuqqas ta' kontroll fuq ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u

[1] Kumpilazzjoni Numru 1342/2012 li preżentement tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hekk kif presjeduta mill-Onor. Dr. Rachel Montebello a fol. 905 *et seq*

tnaqqis fl-effettività tal-assistenza legali u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġew leżi d-drittijiet ttar-rikorrenti, senjatament, l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *2. Tiddikjara li Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu discolsure tal-informazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodiċi kriminali;*
>
> *3. Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa;*
>
> *Salv kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."*

2.2. L-għada, 13 ta' Jannar, 2022, talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tikkunsidra tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża quddiemha sakemm tingħata sentenza finali fil-kawża fejn qiegħed jilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

2.3. B'digriet mogħti fit-3 ta' Marzu, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet it-talba[2] wara li kkunsidrat:

[2] Fol. 808 *et seq*.

i. is-soprasessjoni hija rimedju straordinarju u eċċezzjonali;

ii. matul il-kawża, li ilha fl-istadju tal-provi tad-difiża mit-13 ta' Ottubru, 2016, ma saret l-ebda allegazzjoni li l-pulizija rrifjutat li tagħti aċċess lill-appellat għal xi evidenza materjali li setgħet inġabret fl-istadju tal-investigazzjoni qabel tressaq il-Qorti u lanqas f'xi stadju matul il-proċeduri kriminali;

iii. matul il-proċeduri quddiemha ma ġie qatt invokat/saret xi talba skont l-Artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali;

iv. l-imputat, għalkemm għażel li jixhed, naqas milli jindika fiex tikkonsisti l-evidenza, provi u dokumenti li l-pulizija allegatament ma żvelatx;

v. minkejja li l-imputat ġie konċess l-opportunità jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri, imkien ma ġie indikat lil dik il-Qorti liema hija dik l-'*informazzjoni indispensabbli'* li mingħajrha l-imputat jinsab prekluż milli jiddefendi ruħu adegwatament;

vi. it-tkomplija u d-determinazzjoni tal-proċeduri kriminali ma tissarraf fl-ebda preġudizzju għad-difiża tal-imputat, anzi,

tissalvagwardja d-dritt tiegħu li l-akkużi kriminali kontrih jiġu determinati fi żmien raġjonevoli; u

vii. billi l-materja dwar ksur ta' drittijiet fundamentali diġa' tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ikun għaqli li l-kwistjoni dwar l-issoktar tas-smigħ tal-proċeduri kriminali tiġi mressqa quddiemha. Iżda:

> *"Din il-Qorti ma għandha xejn quddiemha, talanqas xejn li hu konkret, li jista' jiġġustifika deċiżjoni li effettivament tfisser it-twaqqif ta' proċeduri kriminali li hija altrimenti obbligata li tassigura li jitmexxew b' ħeffa u speditezza kompatibbli mal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja."*

2.4. Wara dak id-digriet, fil-11 ta' Marzu, 2022, l-appellat talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hekk kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello sabiex tissospendi l-prolazzjoni tal-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon' u tissoprasjedi pendenti d-determinazzjoni ta' dawn il-lanjanzi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qabel tiġi sabiex tordna l-prosegwiment tal-kawża hawn ċitata."*

2.5. L-appellanti oġġezzjonaw għat-talba.[3] Ilmentaw li r-rikors għal-*interim measure* huwa bbażat fuq ċirkostanzi ipotetiċi u sottomissjonijiet li jeżorbitaw il-premessi u t-talbiet kontenuti fir-rikors kostituzzjonali mertu ta' dawn il-proċeduri. Jisħqu li f'dan il-każ ma jeżistux l-estremi meħtieġa għall-akkoljiment tat-talba għat-twaqqif

[3] Fol. 835 *et seq*.

proviżorju tal-proċeduri kriminali, u li *prima facie* ma jirriżulta l-ebda ksur billi r-rikorrent fl-ebda waqt ma ndika x' informazzjoni jew evidenza ġie allegatament ipprivat minnha.

2.6. B'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2022, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent tal-11 ta' Marzu, 2022 u ordnat li s-smigħ tal-kawża *Il-Pulizija v. Peter sive Pierre Falzon* jiġi sospiż fl-istadju li jkunu ser jingħalqu l-provi tal-akkużat, u dan sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Ordnat ukoll li r-rikorrent iressaq il-provi kollha tiegħu fil-kawża kostituzzjonali f'mhux iktar minn tliet seduti.

2.7. Il-konsiderazzjonijiet li fuqhom ġie bbażat il-provvediment appellat huma s-segwenti:

> *"Illi jirrizulta mill-atti u wkoll mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati li il-proceduri quddiem dik l-Onorabbli Qorti wasal fi stadju inoltrat possibilment fl-istadju li r-rikorrent imputat f'dawk il-proceduri jrid jaghlaq il-provi tieghu u jghaddi ghas-sottomissjonijiet finali.*
>
> *Illi din il-Qorti tqis li f'kaz li l-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienu jew ghadhom fi stadju ta' provi difiza, l-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ir-rikorrenti odjern m'ghandux jipprosegwi bil-provi tieghu pendenti l-proceduri odjerni. Is-sitwazzjoni izda tkun differenti f'kaz li huwa minnu li l-istadju tal-provi tieghu wasal biex jinghalaq u qed jintalab jaghmel dan. Il-Qorti qed tghid dan ghar-raguni li jekk, dato ma non concesso, r-rikorrent fil-proceduri odjerni pendenti quddiemha jinghata ragun dan ifisser li wiehed mir-rimedji li possibilment din il-Qorti tista taghti hu li r-rikorrent imputat jinghata access ghal dik id-dokumentazzjoni li sal-lum ghadha ma gietx a konjizzjoni tieghu. Dan jista' jkun iwassal lill-imputat, llum rikorrent, sabiex iressaq difiza diversa minn dik li sa issa ressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Difiza diversa tista' wkoll possibilment tfisser ezitu differenti ghall-imputat f'dawk il-proceduri.*

*Illi din il-Qorti taqbel mal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li r-rikorrent ma kellu l-ebda raguni valida ghalfejn halla sa dan l-istadju tant inoltrat, wara li ghaddew diversi snin bil-proceduri pendenti, sabiex jipprezenta r-rikors odjern dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Din il-Qorti izda ma tistax tinjora l-fatt li possibilment, dejjem dato ma non concesso, decizjoni favur it-talbiet tar-rikorrent odjern minn din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha tista' wkoll possibilment twassal ghal konluzjoni diversa fil-proceduri kriminali. Din il-Qorti ghalhekk tqis li d-decizjoni dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fudnamentali tar-rikorrent, f'dan l-istadju, ghandha tipprevalixxi fuq il-konkluzjoni tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu li dejjem jistghu jitkomplew wara u jigu finalizzati, u ghalhekk ser tghaddi sabiex taghti mizura interim f'dan is-sens.*

*Il-Qorti izda taghmilha cara li bl-ebda mod ma hi ser thalli li dawn il-proceduri jintuzaw bhala mezz sabiex jigu stultifikati b'mod indefinittiv il-proceduri kriminali u ghalhekk ser taghti d-direzzjonijiet opportuni sabiex ir-rikorrent jasal ghall-konkluzjoni tal-provi tieghu fir-rikors odjern f'massimu ta' tlett seduti li ser jigu ffissati l-aktar vicin possibbli, nkluz dik tat-30 ta' Marzu, 2022."*

3. L-intimati appellaw mill-ordni tal-Ewwel Qorti u talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"tħassar u tirrevoka d-digriet datat id-29 ta' Marzu 2022 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

4. L-Ewwel Qorti kompliet bis-seduti li fihom qegħdin jinġabru l-provi.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

5. B'digriet mogħti fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2022, din il-Qorti qajmet *ex officio* l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell peress li ma ntalabx il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex isir appell mid-digriet li ngħata fid-29 ta' Marzu, 2022. Għalhekk din il-Qorti ssospendiet l-għoti tas-sentenza li kellha tingħata fit-30 ta' Novembru, 2022 u ddifferiet l-appell għas-seduta

tas-16 ta' Jannar, 2023, sabiex issir trattazzjoni dwar dik l-eċċezzjoni. Dakinhar dehret biss id-difensur tal-appellanti u l-Qorti semgħet it-trattazzjoni.

6. Jirriżulta li fl-1 ta' April, 2022, l-appellanti talbu l-permess tal-Ewwel Qorti sabiex jappellaw mid-digriet, u b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2022, l-Ewwel Qorti għażlet li ma tikkunsidrax iktar dak ir-rikors għaliex l-appellanti kienu diġà appellaw (rikors preżentat fl-4 ta' April, 2022).

7. Hu fatt li d-digriet li minnu sar appell ordna l-waqfien tal-kawża kriminali, fl-istadju li l-akkużat ikun ser jagħlaq il-provi tiegħu. L-Art. 229(2)(e) jipprovdi li jista' jsir appell qabel is-sentenza definittiva, fejn il-Qorti tordna l-waqfien tal-proċedimenti. Però din il-Qorti tifhem li Art. 229(1) u (2) tal-Kap. 12 jirreferu għall-ordnijiet li jingħataw b'referenza għall-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-Qorti li tagħti dawk l-ordnijiet, u mhux ordnijiet li jirreferu għall-kawżi li qegħdin jinstemgħu quddiem Qorti differenti. Għalhekk ir-referenza għall-Art. 229(2)(e) tal-Kap. 12 mhijiex f'postha.

8. Għaldaqstant, il-konvenuti kellhom jitolbu u jottjenu l-permess tal-Ewwel Qorti qabel jappellaw mid-digriet tad-29 ta' Marzu, 2022 (Art. 229(3) tal-Kap. 12 u ara wkoll sentenza <u>Alfred Degiorgio v. L-Avukat</u>

Ġenerali et tas-16 ta' Diċembru, 2019). Ħaġa li m'għamlux u għalhekk l-appell hu null.

Għal dawn il-motivi tiddikjara n-nullità tal-appell tal-appellanti u ma tqisux iktar, bl-ispejjeż kontrihom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da